MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 230/2014

Il-Pulizja

(Spettur Dennis Theuma)

Vs

Clayton Borg

Illum 4 ta' Dicembru, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, Clayton Borg, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 443483M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. F'Dawn il-Gzejjer fit-12 ta' Dicembru, 2005 u fil-gimghat ta' qabel din id-data minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti ta' flus maltin

falsifikati, meta kien jaf li l-istess biljetti tal-flus kienu falsifikati ai termini tal-artikolu 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija:

a) Titratta mal-imputat Clayton Borg talli kiser il-kunidzzjonijiet ta' sentenza imposta fuqu minn din il-Qorti diversament preseduta u datata 3 ta' Gunju, 2004 fejn huwa kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn w liema sentenza hija definittiva w ma tistax tigi mibdula.
b) Apparti tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fl-20 ta' Mejju, 2014, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati taht l-artikolu 46 tal-Kap 204 u lliberatu minnhom. Pero' ordnat il-konfiska tal-flus foloz li jinsabu esebiti a fol. 23 u ordnat li jinghataw lill-Bank Centrali skond il-ligi.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Gunju, 2014, fejn talab lil din il-Qorti, **<u>tħassar u tirrevoka</u>** s-sentenza appellata u minflok tgħaddi sabiex issib lill-appellat **<u>ħati</u>** tal-imputazzjoni miġjuba kontrih u konsegwentement tinfliġġi piena  ekwa u ġusta konsiderando ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) l-esponent irċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-atti proċesswali tal-proċeduri fl-ismijiet premessi u ħassu aggravat bihom b'mod ċar u manifest in kwantu kien hemm enunċjazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi li wasslet għal-liberatorja tal-appellat, u dan għar-raġunijiet li se jiġu ttrattati f'dan ir-rikors t'appell.

Illi artiklu 46 tal-Att Dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta (Kapitlu 204 tal-Liġijiet ta' Malta) jgħid li kull min ikollu fil-pussess tiegħu biljett tal-flus falsifikat u jkun xjenti li tali biljett tal-flus hu falsifikat huwa jkun ħati ta' delitt. L-unika skużanti li wieħed jista' jqajjem sabiex jiġi eżonerat mir-responsabbilta' ta' pussess ta' biljett tal-flus falsifikat huwa li wieħed ikollu awtorita' legali jew skuża leġittima jew raġonevoli li

jkollu fil-pussess tiegħu biljett tal-flus falsifikat. Tali prova tinkombi fuq l-akkużat hekk kif jingħad fl-artiklu diġa' imsemmi:

> Kull min mingħajr awtorità legali jew mingħajr skuża leġittima jew raġonevoli (liema prova tkun fuq l-akkużat) jixtri jew jirċievi mingħand xi persuna, jew ikollu fil-kustodja jew pussess tiegħu, biljett tal-flus falsifikat li jkun jaf li l-istess ikun falsifikat jeħel, meta jinsab ħati, priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn tlettax-il xahar u mhux iżjed minn ħames snin.

Illi *r-ratio decidendi* tal-Ewwel Onorabbli Qorti kien li peress li l-appellat is-Sibt intebaħ bl-erba' (4) LM10 foloz u konsegwentement ċempel lil Kola sabiex ikellmu dwarhom, u peress li dik il-ġurnata stess filgħaxija kien involut f'inċident u spiċċa l-isptar, iżda li wara li ħareġ mill-isptar u saritlu tfittxija ġo daru huwa kkonsennja l-imsemmija flus foloz lill-Pulizija, allura dan jikkostitwixxi skuża leġittima fil-konfront tal-appellat għall-pussess ta' flus foloz. Fil-fehma tal-esponent u b'kull dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti dan ir-raġunament hu żbaljat hekk li ma jissodisfax il-kweżit li titlob il-liġi fuq ċitata hekk li dan ma jammontax għall-skuża leġittima. Skuża leġittima hija meta wieħed iressaq bħala skużanti raġuni li hija valida f'għajnejn il-liġi  u li tikkonvinċi lill-ġudikant jew lil min qiegħed jiddeċiedi b'tali mod li tiġġustifika in-nuqqas t'ottemporanza ta' dak li jkun mad-diċitura tal-liġi. Di piu', l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-akkużat sabiex jipprova dan. L-inċident li kien involut fih l-appellat u liema skont l-Ewwel Onorabbli Qorti wassal sabiex l-appellat ma kkonsennjax il-flus foloz mill-ewwel lill-Pulizija bl-ebda mod ma jammonta għall-skuża leġittima jew raġonevoli 'l għala l-appellat kellu fil-pussess tiegħu flus foloz. Dan għaliex artiklu 50 tal-Att Dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta (Kapitlu 204 tal-Liġijiet ta' Malta) tobbliga lil kull min ikollu għandu biljetti tal-flus foloz sabiex jirtira miċ-ċirkolazzjoni dawk il-biljetti tal-flus li jkun jaf li huma foloz u għandu minnufih jikonsennjahom lill-Bank Ċentrali. L-appellat kellu jikkonsenja l-flus foloz mill-ewwel, cioe' nhar is-Sibt, hekk kif ġew fil-pussess tiegħu dawn il-flus lill-Bank Ċentrali jew jekk dan kien magħluq, allura lill-Pulizija. Di piu', mis-sekwenza ta' kif ġraw l-affarijiet, wieħed jista' jasal għal dak li kellu f'moħħu l-appellat. It-Tnejn, meta saritlu tfittxija d-dar, l-appellat qabad u kkonsenja lill-Pulizija l-flus foloz. Hawnhekk wieħed jistaqsi, għaliex l-appellat ikkonsennja lill-Pulizija l-flus foloz minn jeddu nhar it-Tnejn meta seta' jikkonsennjahom minn jeddu s-Sibt? Ghalfejn ma kkonsennjahhomx lill-Pulizija nhar is-Sibt? Meta wieħed jixtarr eżatt x'seħħ wieħed jasal għall-konklużjoni li l-appellat kkonsennja l-flus nhar it-Tnejn u mhux is-Sibt għax ipprefera jaqbad u jikkonnsennjahom "minn jeddu" milli l-Pulizija ssib hija stess il-flus foloz waqt li kienet qiegħda tagħmel it-tfittxija. Għalhekk, ma kienx hemm volontarjeta' min-naħa tal-appellat sabiex jikkonsenja l-flus foloz.  Konsegwentement, l-inċident li kien involut fih l-appellat nhar is-Sibt li

skont il-fehma tal-Ewwel Onorabbli Qorti wassal lill-appellat biex jiġġustifika 'l għaliex kien fil-pussess ta′ flus foloz, bl-ebda mod ma jammonta għall-skuża leġittima jew raġonevoli hekk li kien l-obbligu tiegħu li jikkonsennja l-flus mill-ewwel, u cioe′ nhar is-Sibt.

Illi skont artiklu 46 tal-Att Dwar il-Bank Ċentrali ta′ Malta (Kapitlu 204 tal-Liġijiet ta′ Malta) il-konsapevolezza meħtieġa għall-prova tar-reita′ hi li wieħed ikollu fil-pussess tiegħu biljett tal-flus falsifikat li jkun jaf li l-istess ikun falsifikat. Meta jissussisti dan l-istat ta′ fatt allura wieħed ikun ħati ta′ reat hekk kif ipprospettat minn dan l-artiklu. Illi fl-umli fehma tal-esponent ix-xjenza li l-appellat kien jaf li l-erba′ (4) LM10 kienu foloz ġiet ippruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan għaliex l-appellat stess fl-istqarrija rilaxxata minnu datata tnax (12) ta′ Diċembru tas-sena elfejn u ħamsa (2005) ammetta mal-Pulizija li kien jaf li tali flus kienu foloz, hekk li stqarr, 'ngħid li dawk L LM 40 lira f′karti tal-10 tajtomlhom jiena il-pulizija għax huma foloz.′ Di piu′, l-appellat stess xehed li l-movent li minn jeddu kkonsennja l-flus foloz lill-Pulizija kien li ma riedhomx li jagħmlulu tfittxija u jsibulu affarijiet illegali, hekk li xehed, 'Għax ma ridthomx ifittxu d-dar u jsibu affarijiet kontra l-ligi u allura qbadt u minn jeddi tajthomlhom.' Di piu', hawnhekk wieħed tajjeb li jagħmel referenza għal dak li xehed l-appellat hekk li qal li ma kienx jaf li l-pussess ta' karti ta' flus foloz huwa reat kriminali. Dan huwa irrilevanti għas-sejbien ta' ħtija tal-appellat hekk li ġaladarba tiġi promulgata l-liġi wieħed ma jistax jgħid li ma kienx jaf li tali ommissjoni tammonta għal reat kriminali hekk li '*Ignorantia legis neminem excusat*'. Di piu′, l-appellat stess xehed li meta seħħ ir-reat huwa kien jaħdem bħala investment advisor ma′ Blement Franks. Allura, wieħed hawnhekk ukoll jiddubita dwar il-veraċita′ ta′ dak li xehed l-appellat li ma kienx jaf li l-pussess tal-karti ta′ flus foloz huwa reat kriminali, hekk li bħala investment advisor huwa parti intrinsika minn xogħlu li jkun jaf li tali pussess jammonta għal reat kriminali. Għalhekk wieħed ma jistax jifhem kif l-Ewwel Onorabbli Qorti waslet sabiex tillibera lill-appellat meta b′mod manifestament ċar ġew ippruvati l-kweżiti rikjesti mil-liġi, u cioe′ ix-xjenza li l-appellat kien jaf li l-flus li kienu fil-pussess tiegħu kienu foloz.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti qalet li n-nuqqas tal-appellat li jirrikorri u jirraporta l-każ lill-Pulizija u jikkonsennja l-flus foloz minnufih huwa nuqqas punibbli, jekk dejjem ikun il-każ, b′azzjoni amministrattiva li hija fid-diskrezzjoni tal-Bank Ċentrali. B′kull dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti dan bl-ebda mod ma joħroġ mid-diċitura tal-liġi, anzi l-liġi tgħidlek l-oppost. Artiklu 46 tal-Att Dwar il-Bank Ċentrali ta′ Malta (Kapitlu 204 tal-Liġijiet ta′ Malta) f′każ ta′ ħtija jipprospetta sanzjoni penali ta′ priġunerija għal żmien ta′ mhux anqas minn tlettax-il xahar u mhux iżjed minn ħames snin.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi fil-lejl ta' bejn l-ghaxra (10) ta' Dicembru tal-elfejn u hamsa (2005) u l-hdax (11) ta' Dicembru tal-elfejn u hamsa (2005) l-appellat Clayton Borg kellu incident tat-traffiku f'Tas-Sliema u ddahhal l-isptar San Luqa fi stat konfuzjonali. L-appellat qal lit-tobba illi probabilment l-incident kien konsegwenza tad-droga kokaina illi kien ha ftit tal-hin qabel. Kien ghalhekk illi ddahhal il-pulizija u wara illi hareg mill-isptar fit-tnax (12) ta' Dicembru tal-elfejn u hamsa (2005) saret tfittxija fil-fond tieghu ghal prezenza ta' droga izda ma rrizulta xejn. Waqt din it-tfittxija però l-appellat minn jeddu ta lill-pulizija flus foloz ta' ghaxar liri illi qal illi kien ircevihom minn wiehed jismu Kola s-Sibt ta' qabel. Kien jaf illi kienu foloz però ma marx mal-ewwel ghand il-pulizija peress illi s-Sibt hareg imbaghad sar l-incident. Kien ghalhekk illi ressquh il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat u cioé ksur tal-artikolu 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta u f'kaz ta' htija jigi trattat talli kiser il-kondizzonijiet ta' sentenza datata 3 ta' Gunju 2004 fejn gie liberat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn minn dakinhar.

B'sentenza moghtija fl-20 ta' Mejju 2014 (fol 67) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellat mhux hati ta' dawn l-imputazzjonijiet u illiberatu. L-Avukat Generali però hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi l-ewwel Qorti ghamlet enuncazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi.

Ikkunsidrat:

L-Avukat Generali ikkowta in sostenn tal-argument tieghu l-artikolu 46 tal-Att Dwar il-Bank Centrali ta' Malta, Kap 204, illi jghid, "kull min minghajr awtorità legali jew minghajr skuza legittima jew ragjonevoli (liema prova tkun fuq l-akkuzat) jixtri jew jircievi minghand xi persuna, jew ikollu fil-kustodja jew pussess tieghu, biljett tal-flus falsifikat illi jkun jaf li l-istess ikun falsifikat jehel, meta jinstab hati ...". L-argument tal-Avukat Generali huwa fis-sens illi l-appellat ma kellux skuza legittima biex jibqa' fil-pussess ta' dawk il-flus foloz.

Ikkunsidrat:

Jekk il-Qorti toqghod fuq l-istqarrija illi ghamel l-appellat fit-12 ta' Dicembru 2005 (fol 18) issib illi l-appellat ma giex fil-pussess ta' dawn il-flus b'mod volontarju. Jidher illi kellu jiehu xi flus minghand certa Kola u dan baghtlu ammont ta' flus illi fosthom kien hemm erba' karti ta' ghaxar liri foloz. L-appellat jghid illi huwa induna b'dawn il-flus foloz is-sibt waranofsinhar, cempel mal-ewwel lil Kola u hadha mieghu talli baghtlu dawn il-flus. Hawnhekk l-appellat però ma ghamel xejn u minflok, filghaxija hareg jiddeverti mal-hbieb tieghu, imbaghad kellu dak l-incident tat-traffiku fejn spicca l-isptar, imbaghad it-tfittxija tal-pulizija. Fl-istqarrija tieghu l-appellat jghid illi huwa ircieva dawk il-flus is-Sibt waranofsinhar. It-tnax (12) ta'

Dicembru tal-elfejn u hamsa (2005) kien it-Tnejn. Ghalhekk l-appellat fi kliemu stess ircieva l-flus fl-ghaxra (10) ta' Dicembru. Argumenta però illi ma setax jehodhom il-Bank Centrali ghax dak il-hin il-bank kien maghluq u kien bihsiebu jaghmel hekk it-Tnejn li però gralu dak l-incident u gew il-pulizija u biex ma jsibux il-flus fil-pussess tieghu kien minn jeddu qalilhom bihom u ikkonsenjahom.

Ikkunsidrat:

Jekk il-Qorti temmen il-verzjoni tal-appellat allura tigi illi qed jammetti illi huwa kien fi ksur tal-ligi. Veru illi l-flus ma gewx ghandu volontarjament, ma fittixhomx hu, pero darba illi induna bil-prezenza taghhom kien imissu mar mal-ewwel jikkonsenjahom lill-pulizija u mhux izommhom ghandu d-dar ghal xi jiem.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-Avukat Generali ghandu ragun fl-appell tieghu u l-appellat ma jistax jiggustifika bhala skuza legittima l-pussess ta' dawn il-flus mis-Sibt ta' waranofsinhar sat-Tnejn, 12 ta' Dicembru. Veru illi s-Sibt filghaxija kellu incident illi minhabba fih seta' kien prekluz milli l-Hadd jew it-Tnejn filghodu jmur ghand il-pulizija jew il-Bank Centrali fil-kaz tat-Tnejn. Però ma kien hemm l-ebda raguni il ghala ma kellux imur mal-ewwel ghand il-pulizija u jikkonsenja lilhom dawn il-flus foloz. Skont l-istqarrija tal-istess appellat kien hemm trapass ta' xi sieghat fejn zgur illi l-appellat seta' jaghmel dan u fil-fatt kien hedded lill-istess Kola illi baghtlu l-flus illi jekk ma jibaghtlux flus tajba kien se jmur jirrapporta lill-pulizija. Dan ifisser kwindi illi l-appellat kien jaf x'inhuma l-obbligazzjonijiet tieghu u bhala persuna illi jahdem fis-settur finanzjarju zgur illi dan il-fatt kien fuq quddiem fil-hsibijiet tieghu darba gie a konoxxenza illi kellu flus foloz f'idejh. Il-fatt illi ittratjena u zamm dawk il-flus fil-kustodja tieghu meta ma kienx awtorizzat jaghmel hekk tpoggih fi ksur tal-ligi u jidhol fil-konfront tieghu d-dispozizzjoni tal-artikolu 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha ma setghetx legalment tasal ghal-liberatorja tal-appellat u messha minflok sabet htija.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-appell tal-Avukat Generali jisthoqq li jkun milqugh. Però l-Qorti ghandha quddiemha ukoll il-ksur tal-kondizzoni illi l-appellat ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn moghtija lilu permezz ta' sentenza moghtija fit-tlieta (3) ta' Gunju tal-elfejn u erbgha (2004) fejn gie misjub hati fuq ammissjoni tieghu stess tal-ksur tal-artikolu 127 tal-Kodici Kriminali illi jimponi terminu ta' prigunerija bejn sentejn u sitt snin u interdizzjoni generali perpetwa. Din l-interdizzjoni hija xi haga tassattiva li dwarha l-Qorti m'ghandhiex diskrezzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell tal-Avukat Generali u wara li rat l-artikolu 46 tal-Att Dwar il-Bank Centrali ta' Malta, Kap 204, tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ta' tlettax-il (13) xahar. Rat ukoll l-artikolu

127 tal-Kodici Kriminali b'riferenza ghas-sentenza tat-3 ta' Gunju 2004 u tikkundanna lill-appellat ghal perjodu ta' prigunerija ta' sentejn, b'kollox ghalhekk tlett snin u xahar, b'dana però wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali tordna illi dawn iz-zewg termini ghandhom jkunu sospizi ghal zmien tlett (3) snin mil-lum. Tordna ukoll l-interdizzjoni generali perpetwa tal-appellat fl-isfond tal-artikolu 127 tal-Kodici Kriminali. Fl-ahhar, tordna l-konfiska tal-flus foloz illi jinsabu esebiti f'dawn l-atti u tordna illi dawn jigu konsenjati lill-Bank Centrali skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------